MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2019

Rikors Maħluf Numru 1060/2016 LM

**Safet Malta Limited (C 70033)**

***vs.***

**Cambio Stile Limited (C 51755)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-21 ta' Novembru, 2016 mill-Avukat Kris Borg in rappreżentanza tas-soċjetà **Safet Malta Limited** (C 70033) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), kif debitament awtorizzat, u maħluf minnu stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà Safet Malta Limited fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-soċjetà intimata Cambio Stile Limited, forniet u kkonsenjat lill-istess soċjetà intimata materjal u kwantità ta' madum kif jidher mill-annessi fatturi versu l-prezz komplessiv ta'*

*mija u tmienja u sittin elf, erba' mija u tmienja u sebgħin Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€168,478.89);*

2. *Illi minkejja li s-soċjetà intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-import ta' dawn il-fatturi msemmija, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;*

3. *Illi fil-fehma tas-soċjetà attriċi dan id-dejn huwa veru, ċert, likwidu u dovut u s-soċjetà intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet xi ġġib għat-talba ta' ħlas tas-soċjetà attriċi;*

4. *Illi għalhekk dan jagħti d-dritt lis-soċjetà attriċi sabiex tipproċedi kontra s-soċjetà intimata bi proċediment sommarju speċjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed tagħmel;*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi, tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

1. *Tikkundanna għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi rappreżentanti l-import totali ta' żewġ fatturi annessi fis-somma ta' mija u tmienja u sittin elf, erba' mija u tmienja u sebgħin Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€168,478.89), liema somma għadha sal-lum dovuta, bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru, 2016, fejn wara li semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw, il-Qorti qieset illi s-soċjetà konvenuta għandha eċċezzjonijiet xi tressaq u għalhekk tatha għoxrin (20) jum sabiex tippreżenta r-risposta maħlufa tagħha.

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Cambio Stile Limited** (C 51755) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Diċembru, 2016, u maħlufa minn Sebastiano Vicario, direttur waħdieni tal-istess konvenuta u kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

*It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom, u dan għar-raġunijiet illi ġejjin:*

1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ir-rikorrenti ma setgħetx tipproċedi f'din l-istanza in kwantu ma ġietx debitament awtorizzata miż-żewġ diretturi tagħha;*
2. *Fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għamlet ebda fornitura u kunsinna lill-istanti kif minnha allegat. Għalhekk ukoll l-esponenti, li fil-preżent hija kreditriċi tar-rikorrenti, ma għandha tħallas xejn lill-istess rikorrenti;*
3. *Fit-tielet lok, għalhekk it-talba tar-rikorrenti tibqa' infondata fil-fatt u fil-liġi;*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi, jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-istanti.*

*Dikjarazzjoni Ġuramentata ta' Cambio Stile Limited:*

*L-intimata tiddikjara u bil-ġurament tiegħu Sebastiano Vicario (K.I. numru 368911L), direttur waħdieni tal-istess u kif debitament awtorizzat minnha jikkonferma illi:*

1. *L-istanti ma taqbilx mal-fatti kif murija fir-rikors ġuramentat odjern;*
2. *Dwar l-ewwel eċċezzjoni: in linea preliminari, ir-rikorrenti ma setgħetx tipproċedi f'din l-istanza in kwantu ma ġietx debitament awtorizzata miż-żewġ diretturi tagħha;*
3. *Dwar it-tieni eċċezzjoni, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għamlet ebda fornitura u kunsinna lill-istanti kif minnha allegat. Għalhekk ukoll l-esponenti, li fil-preżent hija kreditriċi tar-rikorrenti, ma għandha tħallas xejn lill-istess rikorrenti;*
4. *Dwar it-tielet eċċezzjoni: għalhekk it-talba tar-rikorrenti tibqa' infondata fil-fatt u fil-Liġi;*
5. *Sebastiano Vicario (K.I. nru 368911L) jaf personalment dawn il-fatti kollha.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet f'din il-kawża.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li tiġi ddikjarata kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' €168,478.89, prezz ta' oġġetti u materjali oħra bħal madum, li s-soċjetà attriċi għamlet tajjeb għalihom billi ħallset hi lil terzi, filwaqt li l-oġġetti ordnati ġew ikkonsenjati lis-soċjetà konvenuta, wara li kien hemm qbil dwar dan l-arranġament bejn il-partijiet. Il-valur komplessiv tal-fatturi inkwistjoni annessi mar-rikors maħluf u maħruġa mis-soċjetà konvenuta, kien jammonta għal €168,478.89 u s-soċjetà attriċi tinsisti li hi baqgħet ma tħallsitx l-ammont dovut lilha, liema ammont hu ċert, likwidu u dovut. In vista ta' dan, it-talba oriġinali tas-soċjetà attriċi kienet sabiex din il-kawża tiġi ttrattata bil-proċedura sommarja speċjali *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu s-soċjetà konvenuta sottomettiet li hija kellha għadd ta' eċċezzjonijiet xi tressaq fir-rigward, u fil-fatt wara li ġiet awtorizzata tressaq ir-risposta maħlufa tagħha hija eċċepiet li (i) ir-rikors promutur huwa null minħabba li l-kawża ma tressqitx miż-żewġ diretturi li għandhom rappreżentanza tas-soċjetà attriċi, u għalhekk ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex jiġu istitwiti

dawn il-proċeduri; (ii) li l-ebda materjal jew oġġett ieħor ma ġie kkonsenjat mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta; (iii) u li kuntrarjament għal dak pretiż mis-soċjetà attriċi, hija s-soċjetà konvenuta li hija kreditriċi tas-soċjetà attriċi u mhux bil-kontra. Minkejja din l-aħħar eċċezzjoni, is-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda kontrotalba f'dan is-sens.

## **Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors maħluf tagħha, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja ta' fattura maħruġa mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta fl-24 ta' Novembru, 2015 għas-somma ta' mija u disat elef, erba' mija u tmienja u erbgħin Euro u disa' ċenteżmi (€109,448.09)[1], u fattura oħra maħruġa fil-11 ta' Diċembru, 2015 għall-ammont ta' disgħa u ħamsin elf u tletin Euro u tmenin ċenteżmu (€59,030.80).[2] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' riżoluzzjoni mgħoddija mill-bord tad-diretturi tas-soċjetà attriċi li permezz tagħha l-Avukat Kris Borg u l-PL Hilda Ellul Mercer ngħataw prokura speċjali sabiex ikunu jistgħu jistitwixxu l-proċeduri odjerni għan-nom tas-soċjetà attriċi kontra s-soċjetà konvenuta[3], u dan bi tweġiba għall-eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta li ma kienx hemm id-debita awtorizzazzjoni biex setgħet tiġi istitwita din il-kawża.

Permezz ta' nota tal-10 ta' Marzu, 2017 is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja ta' *email* tat-23 ta' Settembru, 2016, fejn Nicolò Casassa, wieħed minn żewġ diretturi tas-soċjetà attriċi, talab lil Ibrahim Yassine, id-direttur l-ieħor tas-soċjetà attriċi, awtorizzazzjoni sabiex jinbdew proċeduri kontra s-soċjetà

[1] *A fol.* 3 tal-proċess.
[2] *A fol.* 3 *retro* tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 tal-proċess.

konvenuta[4], kopja ta' *email* tal-24 ta' Settembru, 2016 fejn Ibrahim Yassine qabel li jittieħdu proċeduri ġudizzjarji kontra s-soċjetà konvenuta[5], u konsegwentement Casassa talab lil Yassine jiffirma r-riżoluzzjoni li permezz tagħha l-mandatarji maħtura mis-soċjetà attriċi ngħataw awtorizzazzjoni jipproċedu b'din il-kawża[6], kopja tar-riżoluzzjoni tas-soċjetà attriċi[7], kif ukoll estratt mill-*website* tal-MFSA li jindika li l-uniċi żewġ diretturi tas-soċjetà attriċi huma Nicolò Casassa u Ibrahim Yassine[8], u dan sabiex tiġi indirizzata l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017 xehed **Nicolò Casassa**[9] li qal li hu direttur tas-soċjetà attriċi flimkien ma' Ibrahim Yassine. Ix-xhud qal li hu kien ilu jaf lil Sebastiano Vicario, l-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta, mis-sena 2013, u kienet ġiet diskussa bejniethom il-possibilità li ż-żewġ soċjetajiet rappreżentati minnhom jikkollaboraw bejniethom. Qal li għall-ħabta ta' Novembru 2015, Sebastiano Vicario kien avviċinah sabiex jara jekk is-soċjetà attriċi kinitx lesta tiffinanzja proġett u xogħol ta' finitura li kien qiegħed isir mis-soċjetà konvenuta. Qal li kien hemm ftehim li kien jinkludi li s-soċjetà attriċi tieħu marġini ta' profitt ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-flus maħruġa minnha għall-ħlas tal-fornituri mertu tal-kawża. Ix-xhud spjega li l-ordni kienet tikkonsisti f'konsenja ta' madum u kmamar tal-banju mingħand żewġ fornituri lokali Tatara Bathrooms u Alberta Fire & Security Equipment Limited, u t-total ta' din l-ordni kien ta' mija u disat elef Euro (€109,000), ħamsa u ħamsin elf Euro (€55,000) l-ordni li saret mingħand Tatara Bathrooms u erbgħa u erbgħin elf Euro (€44,000) l-ordni li saret mingħand Alberta Fire & Security Equipment

[4] A fol. 17 tal-proċess.
[5] A fol. 18 tal-proċess.
[6] A fol. 18 tal-proċess.
[7] A fol. 19 tal-proċess.
[8] A fol. 20 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol. 28 tal-proċess.

Limited.[10] Ix-xhud qal li fit-18 ta' Novembru, 2015 hu kien irċieva *email* mingħand Sebastiano Vicario li kien infurmah li seta' jipproċedi bl-ordni, kif fil-fatt għamel. Qal ukoll li l-materjal ordnat ġie kkonsenjat f'post Tigne Point, li kien qiegħed isir xi xogħol fih mis-soċjetà konvenuta. Qal li s-soċjetà Safet Italia Limited bagħtet l-ammont ta' mitt elf Euro (€100,000) lil Safet Malta Limited, minħabba li s-soċjetà attriċi kienet għadha kemm bdiet topera u ma kellhiex il-finanzi disponibbli biex setgħet tiffinanzja ordni bħal din, u hekk kif irċiviet il-fondi, Safet Malta Limited għamlet pagament ta' ħamsa u ħamsin elf Euro (€55,000) lil Tatara Bathrooms[11] u pagament ta' tlieta u erbgħin elf u mitt Euro (€43,100) lil Alberta Fire & Security Equipment Limited.[12] Ix-xhud qal li l-ftehim li kellu ma' Sebastiano Vicario kien li l-ħlas da parti tas-soċjetà konvenuta kellu jsir fi żmien tletin ġurnata minn meta tintbagħat il-konsenja. Kompla jgħid li meta waslet il-ġurnata li fiha kellu jsir il-ħlas rikjest, Sebastiano Vicario kien bagħat jinfurmah ma' Ibrahim Yassine li kien qiegħed jistenna li jagħlaq biċċa xogħol oħra qabel ikun f'qagħda li jħallas. Ix-xhud żied jgħid li sa fejn jaf hu, fiż-żmien li fih seħħ dan kollu, Vicario kien l-uniku soċju, direttur u amministratur tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ippreżenta kopji tal-*bank statements* sabiex jipprova li s-soċjetà attriċi attwalment ħallset il-fatturi ta' Alberta Fire & Security Equipment Limited u ta' Tatara Bathrooms, flimkien mal-*purchase orders* maħruġa minn Safet Malta Limited bl-ordnijiet rispettivi li saru mingħand dawn iż-żewġ fornituri.[13] Ix-xhud qal li fiż-żmien meta ġara dan kollu, hu kellu rapport tajjeb ħafna ma' Vicario, u l-azzjonist l-ieħor fis-soċjetà attriċi, Ibrahim Yassine, kien ilu ħabib ta' Vicario għal diversi snin. Kompla jgħid li wara ftit taż-żmien kien kellmu Vicario li kien qallu li sabiex jagħlaq ix-

[10] It-total taż-żewġ ammonti mhuwiex €109,000 li jsemmi ix-xhud, li preżumibbilment jinkludi l-10% *profit margin* li x-xhud isostni li kien hemm ftehim dwaru bejn il-partijiet.
[11] *A fol.* 33 tal-proċess. L-ammont preċiż indikat fuq il-fattura huwa ta' €55,510.74.
[12] *A fol.* 32 tal-proċess. L-ammont preċiż indikat huwa ta' €43,979.10.
[13] *A fol.* 34 *et seq.* tal-proċess.

xogħol li kien qiegħed jagħmel Tigne Point, kien ser ikollu bżonn finanzjament ieħor ta' madwar ħamsin elf Euro. Żied jgħid li dak il-ħin hu kien wieġbu li l-ewwel kellhom jitħallsu lura l-€109,000 li kienu diġà tħallsu mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li dak il-ħin Sebastiano Vicario kien qallu li seta' jħallsu l-ammont ta' €109,000 fi flus kontanti, iżda wara li Casassa tkellem mal-konsulent finanzjarju tiegħu f'Turin, kif ukoll ma' rappreżentanta tal-Bank of Valletta hawn Malta, dawn tawh il-parir li ma jaċċettax ħlas bi flus kontanti. Barra minn hekk il-Bank of Valletta għamilha ċara li huwa ma setax jaċċetta dik il-kwantità ta' flus kontanti. Ix-xhud kompla jgħid li dak iż-żmien kien interċeda Ibrahim Yassine li kien qallu li jekk Vicario ma jingħatax il-finanzjament meħtieġ, dan ma kienx ser ikun f'qagħda li jlesti x-xogħol u għalhekk ma kienx ser ikun jista' jħallashom lanqas il-flus li oriġinarjament ġew mislufa lilu. Casassa żied jgħid ukoll li Ibrahim Yassine kien wiegħdu li f'każ li Vicario ma kienx ser jasal biex iħallas il-fatturi maħruġa minnu, kien ser jieħu ħsieb biex ikopri kollox hu. Ix-xhud qal li hu ffirma dokument ulterjuri fejn tpoġġiet is-somma ta' madwar disgħa u ħamsin elf Euro (€59,000) għad-dispożizzjoni tas-soċjetà konvenuta sabiex din setgħet tlesti x-xogħol li kellha twettaq. Ix-xhud qal li Sebastiano Vicario kellu ftehim ma' Project Technique għall-fornitura ta' xi xogħol, liema ordni saret f'ismu, u li sussegwentement Vicario kien talbu jibdel l-intestatura fuq il-fattura sabiex l-ordni tidher li saret mis-soċjetà attriċi, minħabba li kienet is-soċjetà attriċi li kienet ser tiffinanzja din l-operazzjoni. Qal li din il-*purchase order* kienet għall-ammont ta' €44,000.[14] Ix-xhud qal li la Ibrahim Yassine u lanqas Sebastiano Vicario ma ħallsu għal dawn il-fatturi, u hu kien ikkorrisponda diversi drabi ma' Sebastiano Vicario sabiex isir il-ħlas dovut. Żied jgħid li l-fatt li Yassine u Vicario kienu ħbieb wassal biex

[14] *A fol.* 38 tal-proċess. L-ammont preċiż indikat fuq il-fattura huwa ta' €44,840.

inħoloq rapport ta' fiduċja, u Vicario kien wiegħdu kemm-il darba li ser iħallsu hekk kif jirċievi xi ħlasijiet oħra li kienu dovuti lilu. Ix-xhud qal li minkejja li hu stenna diversi xhur, il-ħlas baqa' ma sarx, sakemm darba fost l-oħrajn Sebastiano Vicario sparixxa kompletament. Qal li minkejja li Yassine u Vicario kienu ħbieb, kien hemm insistenza da parti ta' Safet Italia li jinfetħu proċeduri legali sabiex is-soċjetà attriċi tirkupra l-flejjes dovuti lilha. Qal ukoll li Yassine kien akkużah li din is-sitwazzjoni hu kien ġabha b'idejh meta m'aċċettax il-ħlas bi flus kontanti li kien offrielu Vicario.

Fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017 xehed **Stefano Guslandi**[15], li hu konsulent finanzjarju tas-soċjetà attriċi, li qal li hu kien sar jaf li saru għadd ta' ordnijiet li ġew ikkonsenjati lis-soċjetà konvenuta u li baqa' ma sarx il-ħlas tagħhom lis-soċjetà attriċi. Qal li b'kollox saru żewġ konsenji separati mingħand Tatara Bathrooms, Alberta Fire & Security Equipment u mingħand Project Technique, waħda fl-ammont komplessiv ta' €109,000 u l-oħra fl-ammont ta' €55,000. Qal iżda li ma jafx x'inhi r-raġuni għalfejn is-soċjetà konvenuta baqgħet ma ħallsitx il-pagamenti dovuti minnha.

Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Nicolò Casassa**[16], li qal li s-somma ta' €109,000 kienet ġiet trasmessa permezz ta' faċilità bankarja mingħand Safet Italia lil Safet Malta. Lix-xhud sarlu riferiment għal fattura li fuqha hemm indikat l-isem ta' Safet S.p.A minflok Safet Malta, u qal li l-intestatura Safet S.p.A toħroġ bħala mudell u li Safet Italia kienet ħarġet fattura *proforma* minħabba li kien ġie deċiż li din kellha tiffinanzja dan in-negozju li kien ser isir minn Safet Malta, li ma kellhiex il-flus meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħha. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta laħqet għamlet uħud

[15] *A fol.* 44 tal-proċess.
[16] *A fol.* 49 tal-proċess.

mill-ordnijiet qabel talbet finanzjament mis-soċjetà attriċi, u sussegwentement Sebastiano Vicario kien informa lill-fornituri li l-*invoices* kellhom jinħarġu kontra Safet Malta minħabba li l-ħlasijiet kienu ser isiru minnha. Ix-xhud ikkonferma li Safet S.p.A. istitwiet proċeduri ġudizzjarji kontra Bibis International, li d-direttur tagħha hu Ibrahim Yassine u dawn il-proċeduri ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kawża odjerna. Ix-xhud spjega li Bibis International kienet għamlet fornituri lil Safet Italia fl-Alġerija, u minkejja li rċeviet il-flus mingħand il-klijent, baqgħet ma ħallsitx tagħhom. Lix-xhud sarlu riferiment għall-proġett bl-isem 'Studio Filming' u x-xhud wieġeb li l-parteċipazzjoni f'dan il-proġett kienet ta' Safet S.p.A. bħala Safet Italia u mhux bħala Safet Malta, u l-parteċipazzjoni ta' Safet f'dan il-proġett waqfet fl-istadju tas-sejħa għall-*expression of interest.* Ix-xhud qal li f'Novembru tal-2017 huwa kien informa lill-Film Commission li Safet Italia ma kinitx għadha interessata f'dan il-proġett. Żied jgħid li Sebastiano Vicario ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-proġett. Ix-xhud spjega li s-soċjetà attriċi ma taġixxix bħala bank u timponi rati tal-imgħaxijiet, iżda meta tagħżel li tiffinanzja proġett tkun qiegħda taċċetta r-riskji billi toħroġ il-flus u tippretendi li jitħallsu lura lilha fiż-żmien pattwit. Ix-xhud qal li minkejja li dan hu negozju bbażat fuq il-fiduċja, ikun hemm min jabbuża u jonqos milli jħallas.

Permezz ta' nota tat-8 ta' Novembru, 2017, is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja ta' *email* mibgħuta minn Nicolò Casassa lill-Malta Film Commission[17], fejn ġew spjegati r-raġunijiet għalfejn is-soċjetà attriċi kienet qiegħda tirtira mill-parteċipazzjoni tagħha fi proġett marbut mal-industrija tal-films hawn Malta.

---

[17] *A fol.* 57 tal-proċess.

Permezz ta' nota oħra tat-2 ta' Frar, 2018, is-soċjetà attriċi ppreżentat għadd ta' dokumenti, fosthom *statements* bankarji li juru li Safet Malta rċeviet pagament mingħand Safet Italia[18], kif ukoll dokumentazzjoni li turi li saru ħlasijiet lil Alberta Fire & Security[19], lil Tatara Bathrooms[20] u lil Project Technique[21]; skambju ta' *emails* bejn Nicolò Casassa u Sebastiano Vicario li jindikaw li Sebastiano Vicario kien qed jikkonferma l-ordni ta' materjal li kellu jkun ikkonsenjat lilu, kif ukoll li kien hemm qbil li n-negozju jsir minn Safet Malta minflok minn Safet S.p.A.[22]; u kopja ta' risposta b'*email* li Darren Micallef, rappreżentant ta' Project Technique, bagħat lil Sebastiano Vicario fejn kkonferma li l-fattura saret kif talab l-istess Sebastiano Vicario.[23]

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat *affidavit* ta' **Jeoffrey Camilleri**[24], *manager* ta' Tatara Bathrooms, li qal li l-fattura li kopja tagħha ġiet esebita minn dan ix-xhud[25] u li tindika ħlas lill-kumpannija rappreżentata minnu fl-ammont ta' €55,510.74, ma nħarġitx minn Tatara Bathrooms għax il-format tal-fatturi maħruġa minn din is-soċjetà huwa differenti minn dak esebit mis-soċjetà attriċi. Qal ukoll li l-fatturi jew *invoices* maħruġa minnhom dejjem ikollhom numru, u fil-preżent huma waslu f'*invoice* bin-numru 12728, u għalhekk għadhom ma waslux fin-numru 151117 li huwa n-numru li jidher fuq il-fattura li ġiet ippreżentata.

[18] *A fol.* 63 tal-proċess.
[19] Fis-somma ta' €43,982.01, a *fol.* 62 tal-proċess.
[20] Fis-somma ta' €55,513.97 a *fol.* 62 tal-proċess.
[21] Fis-somma ta' €44,840, kopja ta' *cheque a fol.* 63 tal-proċess.
[22] *A fol.* 65 *et seq.* tal-proċess.
[23] *A fol.* 68 tal-proċess.
[24] *A fol.* 71 tal-proċess.
[25] *A fol.* 73 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-24 ta' April, 2018 xehed **Sebastiano Vicario**[26], li qal li hu direttur tas-soċjetà konvenuta li ilha mwaqqfa mis-sena 2008 u li huwa għandu l-familja f'Malta. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk is-soċjetà attriċi kinitx forniet xi materjali lis-soċjetà konvenuta, u dan wieġeb fin-negattiv, u qal li s-soċjetà attriċi qatt ma forniet madum jew xi oġġett ieħor lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li kien hemm żewġ fatturi b'ordnijiet li saru, u s-soċjetà attriċi ppreżentat tliet fatturi f'dawn il-proċeduri, minħabba li waħda minnhom hi falza. Ix-xhud qal li hu kellu f'idejh proġett kbir bl-isem 'Studio Filming' u li xtaq isib persuni li kienu lesti jipparteċipaw miegħu f'dan il-proġett. Ix-xhud qal li hu kien jaf lil Ibrahim Yassine tajjeb ħafna, u kien hu li rrakkomandalu li Safet Malta tipparteċipa f'dan il-proġett. Qal li l-proġett tal-i*studio filming* kien proġett ta' tmenin miljun Euro, u dak iż-żmien is-soċjetà attriċi kienet qablet li tkun hi li tipprovdi l-flus meħtieġa għall-ħlas tal-fatturi ta' Alberta Fire & Safety Equipment Limited u ta' Project Technique, għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-materjal li hemm indikat fil-fatturi ma ġiex ikkonsenjat kollu. Qal ukoll li anki l-prezz tal-madum indikat f'waħda mill-fatturi hu esaġerat u hu ta' madwar ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) aktar mill-prezz li hu seta' jixtri l-madum bih. Qal ukoll li l-fattura maħruġa minn Tatara Bathrooms esebita fl-atti ta' din il-kawża hija fabbrikata, tant hu hekk li din lanqas tindika t-tip ta' maduma li kienet qiegħda tinxtara, iżda tindika biss il-qisien. Qal ukoll li minkejja l-allegazzjoni li saret konsenja lil Cambio Stile, imkien ma nġabet prova jew xi dokument iffirmat li dik il-konsenja fil-fatt ġiet aċċettata mis-soċjetà konvenuta. Lix-xhud sarlu riferiment għall-*emails* esebiti mis-soċjetà attriċi fejn jidher li hu kien qiegħed jikkonferma l-ordni tal-materjali ma' Nicolò Casassa, u qal li l-intiża bejn il-partijiet kienet li l-ħlas kien ser isir mis-

[26] *A fol.* 77 tal-proċess.

soċjetà attriċi bi skambju għax-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta b'rabta mal-proġett tal-i*studio filming*. Qal ukoll li wara xi żmien kien sar diskors min-naħa tas-soċjetà attriċi li s-soċjetà konvenuta ma kinitx kbira biżżejjed biex tiġi fdata b'ċertu xogħol. Qal li hu kien sar jaf li Safet Malta kienet ipparteċipat fis-sejħa għall-offerti tal-i*studio filming*, u li sussegwentement kien sar jaf li s-soċjetà attriċi bħal donnu tilfet l-interess li tipparteċipa f'dan il-proġett.

Fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018 xehed **Ayrton Mifsud**[27], in rappreżentanza tal-Malta Film Commission, li qal li hu amministratur tal-istess Kummissjoni u jieħu ħsieb ukoll ir-riżorsi umani tagħha. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi Safet Malta Limited kienet uriet l-interess tagħha fl-*international expression of interest* li nħarġet mill-istess Kummissjoni, iżda żied jgħid ukoll li l-proġett kien falla u ma kien sar xejn aktar dwaru. Ix-xhud esebixxa dokument bl-ismijiet tal-kumpanniji kollha li kienu wrew interess f'din is-sejħa pubblika li saret, fosthom is-soċjetà attriċi.[28]

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Jeoffrey Camilleri**[29], li qal li hu l-*manager* ta' Tatara Bathrooms, u li din il-kumpannija tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji. Ix-xhud ġie muri korrispondenza mibgħuta bejn Michelle Camilleri u Christian Tabone, li x-xhud ikkonferma li t-tnejn li huma jaħdmu ma' Tatara Bathrooms[30], u Nicolò Casassa, u dan b'riferiment għall-*invoice* li hu kien allega li kienet falza. Ix-xhud qal li jista' jkun li ħarġet *invoice* li ma sarx jaf biha hu, u qal li l-*invoices* li joħroġ hu ma jkunx fihom ammont wieħed, u jkollhom id-data u l-*fiscal receipt.* Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-ammont ta' flus

---

[27] *A fol.* 87 tal-proċess.
[28] *A fol.* 89 tal-proċess.
[29] *A fol.* 90 tal-proċess.
[30] *A fol.* 96 tal-proċess. Fl-imsemmija *email* jingħad *"[a]s the material has been delivered to Tigne Point, kindly add on your invoice no. 151117 that material has been ship* (sic) *to Cambio Stile Ltd at Tigne Point."*

indikat fl-*invoice* inkwistjoni daħal fl-*accounts* ta' Tatara Bathrooms. Qal li hu ma indagax il-flus mingħand min daħlu, iżda qal li l-kont dejjem kien fuq Cambio Stile u mhux fuq Safet. Ix-xhud qal li ma jafx il-materjal kopert b'dak il-pagament fejn ġie kkonsenjat.

Is-soċjetà attriċi esebiet kopja ta' *statement* bankarju li jindika ħlas ta' €55,513.97 mingħand Safet Malta Limited lil Tatara Bathrooms[31], kif ukoll kopja ta' dokument ieħor maħruġ mill-kontijiet ta' Safet Malta Limited lil Alberta Fire & Security Equipment Limited, fis-somma ta' €43,982.01.[32]

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Sebastiano Vicario**[33], li qal li hu ilu jgħix Malta aktar minn ħamsa u għoxrin sena, u li hu l-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li hu jaqbel mal-kontenut ta' tnejn mit-tliet fatturi esebiti, dik ta' Project Technique u dik ta' Alberta Fire & Security Equipment Limited, filwaqt li qal li dik maħruġa minn Tatara Bathrooms mhix veritiera minħabba li hu ma rċieva l-ebda konsenja mingħand is-soċjetà attriċi ta' madum jew materjali oħra. Qal li minkejja korrispondenza li tindika li ġew ikkonsenjati għadd ta' oġġetti ġewwa Tigne Point, m'hemm l-ebda dokumentazzjoni jew firma tiegħu li tindika li dawk l-oġġetti ġew irċevuti minnu. Ix-xhud qal li Project Technique u Alberta kienu għamlu konsenja ta' xi oġġetti, għalkemm qal li qatt ma rċieva xejn ġewwa Tigne Point. Qal ukoll li l-ħlas li għamlet is-soċjetà attriċi għall-oġġetti li kienu ordnati minnu, kien sar bħala ħlas għall-fatt li hu kien introduċieha għall-proġett tal-i*studio filming*, u qal li f'Malta l-ħlas ta' kummissjonijiet isir b'mod legali. Ix-xhud ikkonkluda billi

[31] *A fol.* 94 tal-proċess.
[32] *A fol.* 95 tal-proċess.
[33] *A fol.* 98 tal-proċess.

qal li hu jkun dispost iħallas kummissjoni kull meta xi ħadd jintroduċieh għal biċċa xogħol ġdida.

Il-kontroeżami ta' **Sebastiano Vicario** tkompla fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2018[34], fejn ikkonferma li għamel xogħol ġewwa Tigne Point. Lix-xhud sarlu riferiment għal skambju ta' *emails* fejn ġie diskuss jekk għandux jintuża l-format ta' fatturi Taljani jew Maltin, u kien hemm qbil min-naħa tax-xhud li għandu jintuża l-format Malti. Ix-xhud qal li l-ftehim kien sar bejnu u Yassine u mhux ma' Casassa, u għalhekk m'hemm l-ebda ordni li hu seta' ftiehem dwarha ma' Casassa. Qal li l-oġġetti li saret konsenja tagħhom f'Tigne Point kienu oġġetti żgħar mingħand Project Technique, u ppreżenta kopja tal-fattura tal-oġġetti li ġew ikkonsenjati lilu. Ix-xhud baqa' jinsisti li hu m'għandu jħallas l-ebda flus għax l-flus kienu ngħataw lilu minn Ibrahim Yassine wara li x-xhud introduċieh mal-proġett tal-i*studio filming.* Qal li dan ir-'rigal' kien jikkonsisti fis-somma ta' mija u disat elef Euro (€109,000). Ix-xhud iżda qal li m'għandu l-ebda ftehim bil-miktub li jsemmi li l-ħlas ta' €109,000 kien qiegħed jingħata lix-xhud bħala xi tip ta' ringrazzjament. Ix-xhud żied jgħid ukoll li dawk il-flus ma kinux xi tip ta' rigal, iżda kummissjoni ta' għaxra fil-mija (10%) dovuta lilu wara l-involviment tiegħu biex is-soċjetà attriċi tippartecipa fis-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess dwar l-i*studio filming*. Qal ukoll li l-ħsieb kien li x-xogħol li kien ser jiġi ġġenerat f'każ li s-soċjetà attriċi tirbaħ il-jedd li tagħmel dan ix-xogħol b'kollaborazzjoni mal-Malta Film Commission, kien ser jiġi mgħoddi lilu biex jagħmlu hu. B'riferiment għal dan l-arranġament li sar bejn il-partijiet, ix-xhud qal illi:

[34] *A fol.* 104 tal-proċess.

> "*Ci incontriamo quattro amici, ci sediamo a tavola, vediamo come possiamo prendere questo tender ... Io conosco persone che ci possono e te li faccio conoscere ... Voi mi date la commissione che è il dieci percento, come lo chiamatelo voi non Io so perche' non sono cosi. .. Non lo so come dirla la parola ma non lo so ... Poi, alla fine ci mettiamo alla tavola e diciamo sempre mi raccomando, io ti do questo lavoro e poi ovviamente, da amici, lavoro e lo faccio io e cioé faccio questi guadagni ...*".

Ix-xhud ippreżenta dokument b'lista ta' oġġetti fornuti lilu minn Project Technik Building Supplies, li l-ammont totali tagħha huwa ta' €44,987.73[35], u kopja taċ-ċekk li bih sar ħlas fl-ammont ta' €44,840 lil Project Technik minn Safet Malta Limited.[36]

Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2018 xehed **Ibrahim Yassine**[37] li qal li hu direttur tas-soċjetà attriċi, għalkemm żied jgħid li huwa ma għandu l-ebda involviment fis-soċjetà Safet Italia. Ix-xhud qal li fil-preżent hu għandu diżgwid intern mal-familja Casassa, li għandhom ishma fis-soċjetà Safet Malta Limited. Qal li Vicario hu ħabib tiegħu u ilu jafu għal diversi snin. Qal li fil-bidu li twaqqfet is-soċjetà attriċi f'Malta, għall-ħabta tal-2015, ir-relazzjonijiet tiegħu mal-familja Casassa kienu tajbin ħafna. Qal li l-kumpannija nfetħet hawn Malta biex tkun tista' tagħmel xi xogħol, iżda fil-verità din il-kumpannija qatt ma operat hawn Malta, u lanqas qatt ma impurtat jew esportat materjal minn u lejn Malta. Ix-xhud qal li Sebastiano Vicario kien ġab proposti ta' xogħol dwar studio tal-*filming* hawn Malta, u kien sar ħafna xogħol fuqu kemm minnu, kif ukoll minn esponenti tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud żied jgħid li s-soċjetà attriċi kienet fetħet *showroom* hawn Malta li parti mill-ispejjeż għall-ftuħ tagħha għamel tajjeb għalihom Vicario nnifsu, u kien għalhekk li kien

[35] *A fol.* 109 tal-proċess.
[36] *A fol.* 114 tal-proċess.
[37] *A fol.* 121 tal-proċess.

hemm ftehim li s-soċjetà attriċi tħallas xi kontijiet bħala ħlas għax-xogħol u l-loġistika li kienu saru minn Vicario. Ix-xhud qal li hu min-naħa tiegħu qatt ma qabel li jinfetħu l-proċeduri odjerni kontra s-soċjetà konvenuta.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-10 ta' Diċembru, 2018, is-soċjetà konvenuta ppreżentat kopja tad-dokumenti rreġistrati fir-Reġistru tal-Kumpanniji għar-rigward tas-soċjetà attriċi.[38]

Il-kontroeżami ta' **Ibrahim Yassine** sar fl-udjenza tal-21 ta' Jannar, 2019[39] fejn ikkonferma li hu għadu direttur tas-soċjetà attriċi, u li f'dan ir-rwol hu għandu obbligu li jaġixxi b'onestà u bona fede fl-interess tal-istess soċjetà. Lix-xhud sarlu riferiment għal dak li kien qal waqt li kien qiegħed jixhed f'din il-kawża, li s-soċjetà attriċi la qatt esportat u lanqas impurtat, u ġie muri dokumenti li jindikaw merkanzija li ġiet importata f'Malta. Ix-xhud qal li din il-kumpannija għamlet xi ħlasijiet biss bħala parti mill-operat tagħha hawn Malta, iżda din qatt ma impurtat jew esportat. Ix-xhud qal li kien sar safar fl-Italja minnu u minn Casassa flimkien ma' għadd ta' persuni oħra, fosthom Vicario, fir-rigward tal-proġett tal-i*studio filming*. Qal li s-*showroom* f'Malta infetħet minn Bibis International Limited biex minnha topera Safet Malta Limited. Ix-xhud qal li Bibis International Limited hi kumpannija tiegħu, u b'kollox saru xogħlijiet li jammontaw għal madwar €143,000 fis-*showroom,* liema ammont tħallas minn Vicario. Ix-xhud ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni għalfejn il-ftehim sar fis-sens li jitħallsu kontijiet dovuti minn Vicario minflok ma jsir ħlas lilu direttament tax-xogħlijiet li saru minnu, u x-xhud wieġeb li ma jafx jgħid għalfejn kien sar hekk. Qal ukoll li kien hemm ftehim li Safet Malta Limited kellha tikri post mingħand

[38] *A fol.* 128 tal-proċess.
[39] *A fol.* 146 tal-proċess.

Bibis Malta Limited, bi ħlas ta' aktar minn għoxrin elf Euro fis-sena.[40] Qal ukoll li llum il-ġurnata Vicario m'għandu jagħti xejn lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li ma kienx hu li kiteb l-*email* fejn sar riferiment għall-fatt li Casassa m'aċċettax il-ħlas bi flus kontanti offruti lilu minn Vicario, u b'hekk ingħata tort lil Casassa li l-proċeduri odjerni kellhom isiru minħabba n-nuqqas tiegħu li jaċċetta ħlas bi flus kontanti mingħand Vicario. Ix-xhud baqa' jinsisti li hu qatt ma ta l-kunsens tiegħu biex jinbdew il-proċeduri odjerni. Ix-xhud ikkonferma li għandu sentenza kontrih li tgħid li hu għandu jagħti s-somma ta' €250,000 lil Safet Malta Limited, u li t-talbiet li saru għall-ħlas b'rabta mal-proġett tal-*filming* kienu jsiru mill-ewwel.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiema f'din il-kawża, fejn is-soċjetà attriċi sostniet li hi u s-soċjetà konvenuta kellhom ftehim bejniethom ta' koperazzjoni għall-iffinanzjar ta' wħud mill-operazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, li s-soċjetà attriċi qablet li tiffinanzja b'marġini ta' profitt ta' għaxra fil-mija (10%) għaliha fuq dak li jkun iffinanzjat minnha. Jirriżulta mill-fatturi li ġew esebiti, kif ukoll mill-korrispondenza esebita li għaddiet bejn il-partijiet, illi bejn il-partijiet fil-kawża kien hemm ftehim li s-soċjetà attriċi kellha tħallas għal ordnijiet li saru mingħand tliet fornituri ewlenin, liema ordnijiet kien hemm qbil dwarhom mas-soċjetà konvenuta, u sussegwentement is-soċjetà attriċi ħarġet żewġ fatturi b'marġni ta' profitt ta' 10% għaliha, u talbet lis-soċjetà konvenuta tħallasha fiż-żmien maqbul bejn il-

[40] Kopja tal-ftehim, *a fol.* 160 tal-proċess.

partijiet. B'hekk filwaqt li l-fornituri Maltin biegħu, iffatturaw u tħallsu minn Safet Malta Limited għall-oġġetti kkonsenjati f'post magħżul mis-soċjetà konvenuta, is-soċjetà konvenuta kellha tħallas lis-soċjetà attriċi għal dak li ġie fornut lilha skont iż-żewġ fatturi mibgħuta lilha mis-soċjetà attriċi.

Matul is-smigħ tal-kawża irriżulta wkoll li wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi, Ibrahim Yassine, huwa ħabib kbir tal-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta, Sebastiano Vicario, tant hu hekk kien hu li insista ma' Casassa li s-soċjetà attriċi tħallas għal ordnijiet magħmula mis-soċjetà konvenuta minħabba li hu kien ċert li Vicario seta' jiġi afdat, u li kien ser iħallashom lura. F'punt minnhom jidher li Vicario ttenta jħallas parti mill-fatturi migħuta lilu mis-soċjetà attriċi permezz ta' flus kontanti ammontanti għal mija u disat elef Euro (€109,000), liema flus kontanti iżda ma ġewx aċċettati mis-soċjetà attriċi, wara li kienu ttieħdu pariri mingħand il-konsulent finanzjarju tagħha u mingħand rappreżentanti ta' Bank of Valletta plc.

Is-soċjetà konvenuta ħadet il-pożizzjoni li l-ammonti ta' flus mitluba mis-soċjetà attriċi mhumiex dovuti minnha, u li hi ma rċeviet l-ebda konsenja ta' materjali mingħand is-soċjetà attriċi li hija għandha tħallas tagħha. F'dan il-kuntest is-soċjetà konvenuta ssottomettiet li l-kawża ma ġietx ippostulata b'mod korrett mis-soċjetà attriċi, stante li n-negozju li ftiehmu dwaru l-partijiet ma kienx dwar fornitura u konsenja ta' materjali, iżda dwar finanzjament da parti tas-soċjetà attriċi fil-forma ta' ħlas ta' ordnijiet li s-soċjetà konvenuta għamlet mingħand diversi kumpanniji lokali. Is-soċjetà konvenuta ttentat ukoll tqajjem dubji dwar il-veraċità tal-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi, u ġie sottomess li ma jistax ikun li s-soċjetà attriċi qablet li tħallas kont ta' terz mingħajr ebda benefiċċju għaliha, u dan minkejja li ġie

spjegat mis-soċjetà attriċi li l-ftehim bejn il-partijiet kien li hija titħallas għal dawn l-ordnijiet b'marġni ta' profitt ta' 10% fuq il-finanzjament li jsir minnha.

Il-Qorti qieset dak illi xehed Sebastiano Vicario li qal li hu m'għandu jħallas xejn lis-soċjetà attriċi minħabba li fattura minnhom, dik maħruġa minn Tatara Bathrooms, hija fattura ffabbrikata u ma tirreferi għall-ebda ordni jew konsenja li saret lis-soċjetà konvenuta. Kwantu għaż-żewġ fatturi dwar il-ħlasijiet li saru mis-soċjetà attriċi lil Alberta Fire & Security Equipment Limited u lil Project Technik Limited, Sebastiano Vicario jgħid li dawn huma fatturi li s-soċjetà attriċi tħallset tagħhom 'il għaliex Vicario jgħid li huwa għamel xi xogħol ta' loġistika u għamel kuntatti b'rabta mal-proġett tal-i*studio filming* li nħarġet *expression of interest* dwaru mill-Malta Film Commission, liema proġett però baqa' ma mmaterjalizzax. Minkejja dawn l-asserzjonijiet ta' Vicario, kwantu għall-fattura maħruġa minn Tatara Bathrooms, li s-soċjetà konvenuta allegat li hija fabbrikata, jirriżulta mill-provi li s-soċjetà attriċi ħallset ta' din il-fattura lil Tatara Bathrooms u dan il-pagament jidher fl-*istatements* bankarji tas-soċjetà attriċi. Ġie stabbilit ukoll li l-proġett tal-i*studio filming* kien proġett tal-Malta Film Commission li nediet sejħa għall-*expression of interest* internazzjonali sabiex tattira lejn Malta kumpanniji jew *film studios* li jkunu interessati fit-tmexxija tal-*film facilities* tar-Rinella, liema proġett baqa' ma mmaterjalizzax għajr għall-ħruġ tal-imsemmija sejħa għall-espressjonijiet ta' interess, li s-soċjetà attriċi pparteċipat fiha, iżda wara irtirat l-espressjoni ta' interess tagħha. Għaldaqstant mhux ċar għal liema raġuni s-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li s-soċjetà attriċi kellha tħallas għall-ordnijiet u għall-fatturi ta' Alberta Fire & Security Equipment Limited u ta' Project Technik, b'ringrazzjament jew bħala ħlas għal xogħol li s-soċjetà konvenuta għamlet b'rabta mal-proġett tal-i*studio filming*, meta dan il-

proġett ma seħħx, u meta huwa ċar li l-proġett waqaf fi stadju meta kien għadu ma sar l-ebda xogħol fuqu. Inoltre, il-Qorti qieset ukoll li l-fatturi li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi l-ħlas tagħhom, jirrisalu lura għas-sena 2015, filwaqt li s-sejħa internazzjonali għall-espressjoni ta' interess rigward il-faċilitajiet ta' *studio filming* ħarġet fis-sena 2016. Għalhekk meta s-soċjetà attriċi fl-2015 ħallset għal ordnijiet li kienet għamlet is-soċjetà konvenuta, ma jistax ikun li l-partijiet kienu ftiehmu li s-soċjetà attriċi titħallas lura bi tpaċija mas-servizzi allegatament ipprestati mis-soċjetà konvenuta dwar il-proġett tal-i*studio filming,* 'il għaliex dan il-proġett kien ġie varat mill-Malta Film Commission fl-2016, u ċjoé wara l-ħlas tal-imsemmija ordnijiet mis-soċjetà attriċi.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda ta' Ibrahim Yassine, li minkejja li għadu reġistrat bħala direttur tas-soċjetà attriċi, dan xehed li fil-fatt huwa kellu kwistjonijiet mal-familja Casassa u saret kawża kontrih fejn ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €250,000 lil Safet. Għalhekk dak li ntqal minn Yassine waqt id-depożizzjoni tiegħu f'din il-kawża, għandu jittieħed bil-benefiċċju tad-dubju u jrid jiġi kkonsidrat fid-dawl ta' dawn il-fatti li ħarġu mix-xhieda tiegħu stess.

Huwa fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tinsab konvinta li l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà attriċi tħallas għal ordnijiet ta' materjali li ġew ikkonsenjati lis-soċjetà konvenuta, bis-soċjetà konvenuta sussegwentement tħallas lura lis-soċjetà attriċi fiż-żmien stipulat. Tqis illi mill-*istatements* bankarji esebiti, jirriżulta li s-soċjetà attriċi ħallset is-somma ta' €55,513.97 lil Tatara Bathrooms, is-somma ta' €43,982.01 lil Alberta Fire & Security Equipment Limited, u s-somma ta' €44,840 lil Project Technik

Limited, li jwasslu għas-somma totali ta' €144,335.98. Kwantu għall-*profit margin* ta' 10% li s-soċjetà attriċi tippretendi li għandha titħallas mis-soċjetà konvenuta fuq il-valur tal-imsemmija fatturi, din il-pretensjoni ma jsir l-ebda riferiment għaliha fir-rikors maħluf u fit-talbiet attriċi u di più ma tirriżulta mill-ebda kitba bejn il-partijiet f'dan is-sens jew minn xi prova oġġettiva oħra. Għalhekk din il-pretensjoni partikolari tas-soċjetà attriċi qiegħda tiġi miċħuda.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u erba' u erbgħin elf, tliet mija u ħamsa u tletin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€144,335.98), rappreżentanti l-prezz ta' materjali u oġġetti mħallas mis-soċjetà attriċi lil terzi għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.